# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sebgħa u erbgħin (47) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tlieta, 5 ta' Jannar, 2009, fil-5:00pm, fil-Bini Amministrattiv ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Is-Sindku, **Pietru Pawl Busuttil**, qal it-talba u **ppresjeda l-laqgħa.**

2. Id-DSE qara l-**Minuti tas-seduta** preċedenti u dawn sarulhom il-korrezzjonijiet, ġew approvati u ffirmati.

Punti mill-minuti:

3. Dwar il-proposta biex nakkwistaw ***CCTV camera*** minn fuq l-*e-bay*, is-Sindku u s-DSE kellmu lit-tekniku s-Sur Chris Ellul, u dan qalilna li minkejja l-prezz irħis li tqum is-sistema, wieħed irid jikkunsidra tariffi oħra peress li din ġejja miċ-Ċina u mhux mill-Ewropa. Hu qal li jekk jiġrilha l-ħsara diffiċli li tissewwa, filwaqt li din tista' taħdem b'mod indipendenti mill-infrastruttura li diġa' teżisti fil-Bini Amministrattiv u dik tal-latrina pubblika. Ovjament jekk il-Kunsill jagħżel li tinxtara din is-*CCTV camera*, ma jkunx hemm garanzija.

4. Kien diskuss id-dewmien fil-ħarġa tal-**fuljett tal-KLĦS**. Hawn il-kunsillieri qablu biex issir nota fejn il-Kunsill se jiskuża ruħu għal dan id-dewmien minħabba ċirkustanzi li ma kellniex kontroll fuqhom ħalli dan jagħmel tajjeb għall-awgurju tagħna għal Milied u s-sena l-ġdida lir-residenti. Dan il-fuljett se jkun lest matul din il-ġimgħa skond l-istampatur, il-*Printright*. Fih għandu jkun inkluż l-avviż għall-iskrizzjoni li l-Kunsill qed ifittex il-kelmiet ta' l-indulġenzi tal-istatwa ta' San Ġużepp, li għaliha saret referenza fil-laqgħat preċedenti.

5. Kienet imsemmija l-**ikla** li normalment il-KLĦS kien jorganizza **għall-anzjani** bi prezz ridott u li din is-sena ġie deċiż li ma ssirx. Ħafna qed jistaqsu dwar ir-raġuni iżda din tinsab fil-minuti tal-Kunsill: l-anzjani huma persuni sussettibbli għall-mard ta' l-*iswine flue* u għalhekk il-KLĦS m'hu se jerfa' l-ebda riskju aktar milli jmiss billi jlaqqa' numru minnhom f'salt f'sala waħda.

6. Se jerġa' jsir kuntatt mal-Perit Robert Musumeci, biex jibgħatilna l-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda ta' l-offerta għall-***embellishment* ta' Misraħ San Ġużepp**, kif ukoll ir-rapport li ħejja l-kollega tiegħu dwar il-propost ***run-off***

***water* ta' Triq il-Karwija,** b'riferenza għall-ġiebja eżistenti li hemm fir-*runway* tal-MIA.

7. Jerome Busuttil irrimarka dwar il-problemi li kellu il-**kollettur ta' l-iskart** u qal li mill-indikazzjonijiet li għandu, huwa rranġa r-*refuse collection vehicle* għax issa jidher li m'għandu l-ebda problemi x'ħin jgħaffeġ l-iskart.

8. Dwar il-**plakek informattivi ma' siti storiċi**, ġie deċiż li ssir waħda bi prova (sample). Il-lewn tagħha se ssir griża ċar bl-ittri suwed (jew metallic). Id-daqs ta' l-ittri se jkunu 1cm u ovvjament se jkollha l-arma ta' Ħal Safi. Din se ssir għand Horace Enterprises u isfel b'tipa rqiqa ma' l-arma se jkun hemm ukoll it-telefon tal-KLĦS.

9. Kienet diskussa **l-offerta tat-tindif tat-toroq urbani.** Il-proposta biex din toħroġ mill-ġdid, mid-Direttur, Dipartiment għall-Indafa Pubblika, is-Sindku qal li għal issa aħjar ma noħorġuhiex sa ma hu jitkellem ma' l-istess direttur. Hu qal li se nippruvaw inġeddu dan il-kuntratt bl-istess ammont ta' spejjeż għall-KLĦS. Il-kunsillieri qablu ma dan.

10. Peress li l-ħaddiem tal-Kunsill, is-Sur Joe Schembri, qal li m'għandux għodda biex jaħdem il-gwarniċa għall-proposti ***exhibition boards***, il-kunsillieri iddeċidew li jordnawhom minn għand Twanny Zammit. Dawn se jkunu fuq is-saqajn għoljin 2' 6'' u bħala tul ma jeċċedux is-6' 6''.

11. Permezz ta' ittra datata it-18 ta' Diċembru, 2009, il-*Malta Football Association* irrispondew **it-talba tagħna, biex inġeddu l-etajiet tat-tfal tan-*nursery*** minn 12 sa 15-il sena. Huma qalulna li mhux se jidħlu f'din il-materja għaliex il-każ huwa tal-*Youth Football Association.* Għaldaqstant se nirreferu l-każ lil dawn ta' l-aħħar.

12. Kien hemm żvilupp pożittiv fil-każ ta' l-**infurzar tal-liġijiet** fil-lokalita' tagħna. Infatti xi kunsillieri irrimarkaw li meta l-Banda San Pawl tat is-servizz fil-festi tal-Milied, propju nhar is-27 ta' Diċembru, 2009, ma sar l-ebda parkeġġ fuq il-linji s-sofor tal-pjazza. Infatti dak in-nhar kien jidher li kien hemm l-ordni.

13. Dwar is-**servizz ta'** din l-istess **banda,** li parti minnu kien iffinanzjat mill-Kunsill Lokali, kien hemm proposta biex f'dawn iż-żminijiet ikun ikkunsidrat li ssir serata fis-sala tal-kunsill flok banda fit-toroq.

14. Il-proposta tad-Direttur *Sterling Security* biex jitpoġġew ***cctv cameras* fi Triq iż-Żurrieq**, biex jinqabad kull min qed jgħaddi *wrong way*, reġgħet kienet diskussa. Madankollu is-Sur Schembri kien issuġġerixxa li titpoġġa *sleeping policeman* biex il-vetturi jkollhom inaqqsu l-velocita' ħalli jilħqu jiġbdu r-ritratt l-uffiċjali li jkunu qed iħaddmu is-sistema ta' l-infurzar ta' din il-kumpanija. F'dan il-punt inġiebu diversi argumenti kontra is-*sleeping policemen,* l-*ispeed cameras* li intqal li r-raħal m'għandux qliegħ minnhom u l-introjtu qed imur kollu għand il-

kumpaniji privati u saħansitra l-bżonn ta' pulizija fl-għassa ta' Ħal Safi li jkun jista' jissorvelja dan kollu u jagħti lezzjoni f'waqtha. Dwar in-nuqqas ta' nfurzar, kif ukoll it-***trailers*** **ipparkjati fi Triq il-Kuċċard,** fejn il-pulizija waħħlu ittri ta' twissija lis-sidien u dawn ġew injorati, se nerġgħu niktbu lill-Kummissarju tal-Pulizija. Dwar is-sidien ta' dawn it-*trailers* il-kunsillier Francis Callus qal li mit-TR number wieħed jista' jidentifika s-sid permezz ta' informazzjoni li għandhom f'*Laboratory Wharf* u l-*Free port*.

15. Dwar il-*bus stop* **ta' Triq iż-Żurrieq**, kien rappurtat illi dan reġa' twaħħal fejn kien. Dan probabbli sar mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta wara li kienet mexxietu mingħajr diskussjoni magħna. Dan kien sar wara li konna ktibnielhom bl-oġġezzjoni għal dan. L-istess ittra se tidher fuq il-fuljett tal-Kunsill, ħarġa li jmiss.

16. Is-Sindku żamm lil kulħadd infurmat bil-**manutenzjoni ta' bankini** li saru fil-jiem li għaddew b'riferenza speċjali għal dik ta' Triq il-Menqa u l-bżonn ta' estenzjoni tagħha. Kien rappurtat li d-*drainage inspection chamber* perikoluż rappurtat fil-minuti preċedenti, wkoll kien irranġat.

17. Wara li konna injorati mill-ADT għal ġimgħat sħaħ, kien deċiż mill-Kunsill, li ma nistgħux nibqgħu insofru minn aktar inkonvenjent b'tal-linja jridu jgħaddu u ma jistgħux minħabba **parkeġġ fi spazji ristretti.** Għaldaqstant se nagħmlu l-linji s-sofor aħna stess fejn is-salib tad-dejma fi Triq San Pawl.

18. Se naraw lil min nistgħu inkellmu mill-kumpanija Go plc, biex titwaħħal it-***telephone box*** **il-ġdida fil-Pjazza**. Eddie Bonello qal li hu għadu ma qatgħax qalbu biex isib ir-regettier ta' Birkirkara li xtara is-settijiet tat-telefons antiki biex nippruvaw nakkwistaw wieħed ħalli jerġa' jitwaħħal fil-kabina ta' l-era Vittorjana li se tibqa' żżejjen il-pjazza, minkejja li mhix se tkun qed tkompli topera.

19. Il-KLĦS ta l-approvazzjoni biex nordnaw il-**lampi l-ġodda faċċata ta' Ġnien Dun Karm Vella** għand il-kumpanija *Nexos Street Lighting*.

20. Kien irrappurtat illi hemm xi pjanċi taż-żurżieqa (slide) li jinħtieġu manutenzjoni fil-ġnien ta' Triq il-Menqa. Dan se jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill li ntqal ukoll li rridu niddixxiplinawhom aktar f'dik li hija żamma ta' ħinijiet kif ukoll ix-xogħolijiet li jagħtuna. Hawn intqal li xogħlijiet bħat-tapit ta' taħt il-bandli li ntrefa' bil-ħaxix ħażin, jista' jinqala' minn dawn il-ħaddiema, jinqata' l-ħaxix u jerġa' jitwaħħal mill-ġdid, biex ħadd ma jitfixkel.

21. Issemmiet il-ħtieġa li jsir **manutenzjoni fuq il-*plastic bollard* ta' fejn iċ-ċimiterju** fi Triq il-Karwija. Dan se jsir mid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi.

22. Għadna qed nistennew l-approvazzjoni tal-ħatra tas-**Segretarju Eżekuttiv** il-ġdid. Id-Direttur Gvern Lokali infurmana li l-*file* qiegħed fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru ġewwa Kastilja, għall-approvazzjoni.

23. Is-**servizz li qed jagħtu l-immigranti illegali** fostna hu ta' min ifaħħru għaliex dawn qed iduru l-inħawi rurali ta' Ħal Safi fuq l-inizjattiva tal-*Agency for Welfare and Asylum Seekers* u l-ETC. Il-Kunsill irringrazzja formalment lil min qed ikun strumentali biex dan ix-xogħol jingħata lilhom bħala mitigazzjoni, peress li fil-lokalita' ta' Ħal Safi għandna konċentrazzjoni ta' dawn l-immigranti illegali.

24. Il-Kunsill Lokali Ħal Safi se jissottometti l-applikazzjoni tiegħu wara stedina li saritilna mill-*Malta Council for Science and Technology* biex fil-lokalita' tagħna tinżamm ***Science Popularisation Initiative.*** Din se jieħu ħsieb jimliha id-DSE wara li din kellha l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tittella' fis-sala tal-Kunsill preferibbilment fil-ġimgħa dedikata lil Jum Ħal Safi.

25. Inqrat l-ittra li bagħat is-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Onor Chris Said fejn konna nfurmati biex nirriżervaw id-dati tal-21 u 23 t'April, 2010, biex tittella **konferenza internazzjonali tal-ECAD** u kull kunsillieri ikun preżenti għaliha.

26. Kienet diskussa l-**oġġezzjoni** mis-sid ta' Pastuer Pharmacy fejn xtaq li Triq il-Kuċċard tibqa' *two ways* fl-34 ġimgħa li l-ADT se tkun qed tieħu żmien biex tasfalta Valletta Road, Zurrieq. Dan sabiex in-negozju tiegħu ma jkunx effettwat negattivament minn dawn ix-xogħlijiet, b'devjazzjonijiet tat-traffiku.

27. Se nindagaw biex isiru ***Yoga Classes*** minn persuna li għandha ħmistax-il sena esperjenza. Infatti se nibgħatulha e-mail fuq yoga.for.life@gmail.com wara li hija għamlitilna din l-istedina.

28. Ittra oħra li nqrat fuq talba tal-kunsillieri kienet tirrigwardja l-***bus shelters* il-ġodda.** Infatti l-Kunsill ta' Ħal Balzan xtaq biex jekk hemm xi ħadd ieħor interessat li jakkwista wieħed, ninfurmawh biex namalgaw kollox flimkien sabiex l-ispejjeż tat-trasport ikunu ridotti.

29. Kien hemm kummenti dwar ir-rapport li tella' d-DSE (**Tribunal Pending Payments**) tad-debituri tal-Infurzar tal-liġijiet li għad irid jidħol fl-accounts li għalqu f'Diċembru, 2009. Eddie Bonello qal li ħafna minn dawn in-nies illum lanqas joqgħodu fl-indirizz indikat fir-rapport li ttella' mis-sistema u bosta indirizzi ma jeżistux. Id-DSE qal li għalhekk issir *provision for bad debts* għaliex anke l-awdituri stess jafu li dawn il-fondi qatt m'huma se jidħu fil-kotba tagħna.

30. Kienet approvata l-***Payment Approval Sheet*** numru 39.

31. F'punti oħra, s-Sindku semma' komunikat ta' l-4 ta' Jannar, 2010, mal-Ministru George Pullicino dwar it-**tkomplija tal-proġett tal-pjazza**, filwaqt li kien

speċifikat illi l-istatwi għadhom ma tpoġġewx fin-niċeċ li hemm mal-faċċata tal-Knisja. Minkejja li għad irid jiġi konfermat mal-Wisq Reverendu Kappillan, illi l-istatwi n-nieqsa huma ta' San Ġużepp u tal-Madonna. L-uffiċjal fi ħdan l-istess Ministeru, is-Sur Oliver Lautier, diġa' talab lill-Kunsill biex japplika għall-permessi tal-MEPA. Fuq iz-zunitier kienu xi darba jeżistu l-balavostri u attwalment hemm il-ħajra li jerġgħu jitpoġġew. Is-Sindku qal illi bħala testimonjanza illi dawn kienu jeżistu, huwa għandu r-ritratt meħud minn fuq il-ktieb tas-Sur Pawlu Callus, li nġibed ħamsin sena ilu (meta tneħħew) jew aktar. Dan kien fuq il-mejda tal-laqgħa għall-benefiċċju tal-kunsillieri.

32. Dwar l-**istatwa tad-Duluri** li se nirrestawraw fil-jiem li ġejjin, ir-restawratur għadu ma taniex stima. Jimmy Busuttil qal illi hu ippropona illi din l-istatwa terġa' tinżebagħ għal spiża ta' €116.46. Iżda l-Kunsill, filwaqt li jifhem il-periklu li hemm biex issir, peress li din tinsab f'post dejjaq, iddeċieda li din titqaxxar (għajr għan-niċċa li tista' tinżebagħ) bħall-istatwa ta' San Ġużepp filwaqt li jintrema' *scaffolding* li jkun ċertifikat li tajjeb biex titla' fuqu u taħdem ħieles mill-perikli.

33. Bi preparazzjoni għall-**Jum Ħal Safi,** ġie diskuss li nistiednu fostna s-Segretarju Parlamentari l-Onor Chris Said għall-attivita' li fiha jingħata l-Premju Onoreficenza. Matul din is-serata hemm il-ħsieb li dawk preżenti jgawdu ftit mużika u kant.

34. Okkażjoni oħra propizja li fiha jista' wkoll jiġi mistieden is-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Onor Chris Said, hija dik ta' l-**inawgurar tar-restawr tan-niċeċ** li qed isir bħal issa. Bla dubju huwa mportanti li jkun inawgurat dan ir-restawr li għandu l-għeruq tiegħu fit-tradizzjonijiet insara kif ukoll l-arkitettura mportanti f'Ħal Safi u mhux inqas fil-kapaċita' tal-maltin.

35. Fi tmiem is-seduta fit-20:30pm, kien ikkunsidrat il-***Wine Tasting Competition*** li normalment issir ukoll f'waħda mill-attivitajiet għall-Jum Ħal Safi. Din is-sena se nippruvaw ninvolvu kumpaniji oħra.

36. Il-Kunsill se jiltaqa fil-21 ta' Jannar, 2010 fil-5:30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 21 ta' Jannar, 2010 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku